Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAT-TLIETA U HAMSIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 29 ta' Dicembru 2010 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.15pm | Sa | 7.30pm |

**KULHADD KIEN PEZENTI U FIL-HIN.**
**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI (Kien ghadu ma wasalx) |
| | Sur | RALPH CASSAR (Skuzat imsiefer) |
| | | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Norbert Pace, Sindku**

Is-Sur Marko Spiteri qal li stenna li ha jkun hemm il-kwistjoni tas-Sur Joe Stellini fuq l-Agenda. Is-Sur Alfred Zammit qabel mieghu u qal li s-Sur Stellini kellu jispicca mix-xoghol sal-31 ta' Dicembru ghax hekk kien il-ftehim fl-ahhar laqgha tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi kienet baghtet e-mail nhar id-9 ta' Dicembru 2010 fejn infurmat il-Kunsill kollu li kienet saret l-*internal call* u li ghaliha kien applika s-Sur Carmel Micallef li prezentament qed jahdem il-Kunsill tal-Pieta'. Is-Segretarju Ezekuttiv tenniet li s-Sinjur ghandu 58 sena u hu ex-ufficcjal tal-Pulizija.

Is-Sur Pace qal li gabar xi nformazzjoni fuq din il-persuna u ma jidhirx adattat ghal dan il-post . Il-Kunsill qabel.

Is-Sur Spiteri qal li xtaq jaghmel dikjarazzjoni u jixtieq jiddiskutu il-kwistjoni tas-Sur Joe Stellini. Hu qal li ikkomunika mieghu is-Sur Pace u qallu li s-Sur Joe Stellini xtaq ikellmu. Hu kompla billi qal li l-gurnata kienet il-gimgha imma *over the weekend* saret telefonata lilu minn persuna li tatu parir ma jiltaqax mieghu. It-Tnejn ircieva telefonata minghand is-Sur Stellini fejn qallu li hu ried jiltaqa' mieghu u li hu u Luisa ma riedux jiltaqghu mieghu u li huma ma riedux li jibqa' jahdem hawn meta kienet decizjoni b'mozzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Joe Stellini stqarr mas-Sur Spiteri li hu gie muri korrispondenza mis-Sindku, liema komunikazzjoni saret bejn il-Kunsilliera Dott. Luisa Gauci Baluci u s-Sur Marko Spiteri u li fiha kienu ikkupjati l-Kunsilliera l-ohra inkluz is-Sindku. Kompla billi qal li mhux etika li jintwerew e-mails privati w'ghaldaqstant b'dan l-agir l-ewwelnett mhux sa jikkoppja lis-Sindku iktar fl-e-mails tieghu u iddikjara li minhabba dan l-agir hu m'ghandux iktar fiducja fis-Sindku u qed jistiednu biex jirrizenja.

Id-Dott Luisa Gauci Baluci qalet li hi cemplet lis-Sur Joe Stellini u staqsietu fuq dak li ntqal, li hu ilu sena biex jiltaqa' maghhom u tenniet li kienet iddizappuntata fuq dak li ntqal li qisu dan ma setax jinzamm il-Kunsill minhabba li hi u Marko ma riedux . Hi qalet li din kienet decizjoni ta' mozzjoni u mhux taghha biss. Id-Dott Luisa Gauci Baluci qalet li hu qalla li gie muri e-mails bejna u bejn Marko Spiteri u li hi ma qablitx ma dan l-agir ghax hu an etiku u illegali

Is-Sur Cordina ikkonferma li s-Sur Stellini kien talbu biex jiltaqa' ma' l-ohrajn u biex jghaddilu kelma, imma fl-ebda hin ma qallu li s-Sur Spiteri ma jridx jiltaqa' mieghu. Hu kompla billi qal li jekk hu ried jiltaqa' mas-Sur Marko Spiteri fuq il-kaz ta' l-impieg tieghu ha jkun ta' xejn minhabba li l-kaz hu maghluq.

Id-Dott. Luisa Gauci Baluci qalet li hi ma thossiex *fair* li dan il-bniedem gie ittamat ta' xejn.

Is-Sur Pace qal li dawn l-akkuzazzjonijiet ma jaccettahomx qatt peress li id-dar tieghu ghandha access ghall-kulhadd, familjari u hbieb u l-korrispondenza tieghu tigi moqrija lilu minn terzi persuni. Jigifieri jekk is-Sur Stellini ra xi korrispondenza hu ghax hu fdat u gghelu hu biex jarahom. Sahansitra ghandu kopja tac-cavetta tad-dar tant kemm hu fdat. Hu kompla billi qal li meta jkun fuq it-telefon (kwazi l-parti l-kbira tal-jum) igeghlu jaralu l-e-mails tieghu sakemm hu jkun qed jaghmel affarijiet ohra relatati ma' xoghol tal-Kunsill. Stqarr ukoll fil-konfront tas-Sur Spiteri li biex jaghmel zvot ta' sfiducja l-ewwel irid ikun jaf sew il-ligi tal-Kunsill.

Is-Sur Spiteri qal li la mhux qed jaqra l-emails hu m'hemmx ghalfejn ipogguh in copy.

Id-Dott. Luisa Gaucii Baluci qalet li hi fuq il-kuxjenza ma tridx li jkollha lis-Sur Joe Stellini. Ghallura porponiet li jistiednu s-Sur Joe Stellini ghall-laqgha li jmiss sabiex jigi ccarat dan il-punt. Kulhadd qabel.

Gie deciz li s-Sur Joe Stellini jispicca sa l-ahhar ta' Jannar u jithallas tal-leave, bonusijiet u kollox sa dik il-gurnata.

Is-Sur M. Spiteri saqsa wkoll kif l-iskala tas-Sur Stellini fuq il-lista tal-*Performance Bonus* mhix dik deciza fuq il-mozzjoni. Is-Segretraju Ezekuttiv qalet li sar zball minhabba li l-iscales gew mahduma u kkuppjati fuq il-godda tat-2011 u ghall-mument insew li Joe bir-*reduced*. Is-Segretarju Ezekuttiv skuzat ruhha ghan-nuqqas.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Gew approvati l-Minuti tal-laqgha Nru: 51(24.11.10). Ma saret l-ebda korrezzjoni.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 Ittra minghand TM fuq l-accessibilita' hdejn il-Knisja. Ghandu jsir appuntament mas-Sur Vassallo.

🗁 E-mail minghand is-Sinjura Marisa Marmara rigward fondi tal-EU fuq mizuri 313 u 125 bhalha parti mill-Leader Project.

🗁 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar rigward skema Rigenerazzjoni f'oqsma tal-Binjiet tal-Gvern.

Is-Sur Bonnici wasal f'dan il-waqt. (6.50pm)

🗁 Ittra minghand is-Sur Balzan rigward skuzi ghan-nuqqas t'attendenza ghall-laqgha li saret u li jaqbel li n-nuqqasijiet fit-triq tieghu ghandhom jigu ndirizzati.

**3. KWOTAZZJONI**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet tlett kwotazzjinijiet fuq CCTV's ghall-ufficini tal-Kunsill. Dawn kienu ta' Firetech €1181.29 (4 cameras), Alberta €792.96 (1 Camera), and Masco €1,002.50 (2 cameras). Is-Sur Spiteri qal li l-kumpanija tieghu hadmet ma' Firetech u li huma professjonali hafna. Ghalhekk il-Kunsill optja ghall-Firetech b'sistema t'4 cameras.

***4. APPROVAZZJONI TA' PERFORMANCE BONUS***

Il-Kunsill kollu qabel li l-istaff kollu jinghata l-**full tal-performance bonus** u li s-Sinjorina Calleja tittella fuq it-tieni notch ta' l-iskala 13. Is-Sur Zammit qal li ma kienx jaf li din kienet fuq skala inqas u jaqbel li tittella' skala.

Is-Sur Pace qal li la issa s-Sur Stellini ha jispicca jipproponi li jinxtralu rigal xieraq tas-servizz li ta tul dawn l-ahhar 15-il sena. Il-Kunsill qabel li s-somma ma taqbizx €500.00.

5. **HRUG TA' TENDER GBIR TA' SKART DOMESTIKU**

Is-Sur Pace qal li sa l-ahhar tax-xahar se jkunu hargu hames tenders li huma:
Resurfacing ta' Triq il-Linja, Ganni Portelli, Ghenba, u parti minn Triq B'Kara taht il-PPP.
Gbir ta' Skart Domestiku
Gbir ta' Bulky Refuse
Zamma u Manutenzjoni ta' Parks, Gonna u Soft Areas
Tindif u Manutenzjoni ta' toroq mhux urbani.

Rigward it-tender tal-Gbir ta' Skart Domestiku is-Segretarju Ezekuttiv iccarat li it-tender inharget fuq 4 t'ijiem bl-eskluzjoni ta' nhar ta' Tlieta, minhabba li f'din il-gurnata jingabar skart riciklat biss u l-ghazla tal-kuntattur qeghda f'idejn Greenpak. Ghaldaqstant nhar ta' Hamis li mhux sa jibda jingabar l-ebda skart.

6. **PUNTI MQAJJMA**

Xi membri tal-Kunsill qamu minhabba li hadd ma kellu punti xi jqajjem.

7. **AGGORNAMENT**

Ghalhekk il-laqgħa giet aggornata fit-7.30pm ghat-26 ta' Jannar 2011.

________________________ ____________________

Sindku Data